**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

# MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Għargħur

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 79

Data tal-laqgħa: 10 ta' Jannar, 2024

*Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur ltaqa' nhar l-Erbgħa, 10 ta' Jannar 2024 fil-5.30p.m.*

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Helene Gauci |
| Viċi Sindku | Marilena Hassan |
| Kunsillieri | Christopher Fenech<br>Abraham Aquilina<br>Carl Grech |
| Segretarju Eżekuttiv | Maria Tanti |

Il-laqgħa bdiet fil-5.30p.m. billi ntqalet it-talba.

**79/01** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**79/01/01** Ma kienx hemm.

**79/02** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 78**

**79/02/01** Ma kienx hemm korrezzjoni fil-Minuti. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-minuti.

**79/02/02** **Para 77/02/02:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li xogħol fil-kamra li tinsab biswit l-iskola miexi b'ritmu mgħaġġel.

**79/02/03** **Para 77/02/03:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fuq il-bozza l-ġdida ta' Triq iċ-Ċawl għadu ma sar xejn.

**79/02/04** **Para 77/02/04:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li xogħol fi Triq Antonio Zammit k/m Triq l-Isqof S. Gaffiero għadu ma bediex.

**79/02/05** **Para 77/02/05:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed tistenna risposta rigward l-applikazzjoni mal-Planning Authority rigward Triq Għaxqet l-Għajn minn *bollard* sa *bollard.*

**79/02/06** **Para 77/02/06:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*information panel* ta' ħdejn il-kappella ta' San Nikola u l-kappella ta' Santa Marija taż-Żellieqa għadhom ma sarux.

**79/02/07** **Para 77/02/07:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*information panel* dwar il-knisja ħa ssir wara li jitlesta z-zuntier.

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**79/02/08** **Para 77/02/08:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*information panel* fil-pjazza dwar postijiet ta' interess ħa ssir wara li jitlesta z-zuntier.

**79/02/09** **Para 77/02/09:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li 3 tabelli ta' CCTV cameras mal-ħajt ta' Ġnien il-Paċi għadhom ma sarux.

**79/02/10** **Para 77/02/10:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-bust ta' Guido Tanti ġie inawgurat fit-23 ta' Diċembru 2023.

**79/02/11** **Para 77/02/11:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li Transport Malta approvat l-istrippi ta' mal-art għal Triq San Ġwann iżda dawn ħa jsiru wara x-xogħlijiet tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma.

**79/02/12** **Para 77/02/12:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li *notice boards* ordnati.

**79/02/13** **Para 77/02/13:** Is-Segretarju Eżekuttiv reġgħet għamlet kuntatt mal-Enemalta rigward il-bozza ġdida fi Triq il-Ġnien man-naħa tal-kappella ta' Santa Marija taż-Żellieqa.

**79/02/14** **Para 77/02/14:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fuq l-applikazzjoni għal Żvilupp u Titjib ta' Latrini Pubbliċi għandna bżonn 3 stimi.

**79/02/15** **Para 77/02/15:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li skont id-dipartiment ta' xogħlijiet pubbliċi *re rain surface runoff increase causing flooding of fields (Triq tal-Ferħa)*, irriżulta li mhux possibbli li jsiru culverts minħabba raġunijiet tekniċi.

**79/02/16** **Para 77/02/17:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser jeħel *dog bin* fi Triq tal-Ferħa qrib il-wied.

**79/02/17** **Para 77/02/19:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qeda f'kuntatt mal-GreenPak rigward ir-rilokazzjoni ta' sit tal-iBins.

**79/02/18** **Para 77/02/20:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser jeħel *dog bin* fi Triq Għaxqet l-Għajn qrib id-dar numru 2.

**79/02/19** **Para 77/02/21:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed tistenna risposta minn Infrastructure Malta fuq minn se ikompli x-xogħol fi Triq il-Kbira.

**79/02/20** **Para 77/02/22:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li żewġ bozzoz fi Sqaq fi Triq Santa Katerina għadhom ma ġewx approvata minn Enemalta plc.

**79/02/21** **Para 77/02/23:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ż-żewġ *rubber wall guards* għal Triq il-Ġdida saru.

**79/02/22** **Para 77/02/24:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fakkret lil Infrastructure Malta fuq il-globi ta' ħdejn iz-*zebra crossing* fi Triq Caravaggio.

**79/02/23** **Para 77/02/26:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-bozza ġdida fi Triq il-31 ta' Marzu ħdejn il-hairdresser għadha ma ġietx approvata minn Enemalta plc.

**79/02/24** **Para 77/02/27:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser tiġbor stimi biex fl-uffiċċju ssir niċċa bil-gypsum u ħġieġa u fiha npoġġu l-abbozz tal-monument ta' San Bert.

**79/02/25** **Para 77/02/28:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Christmas Market kien suċċess.

**79/02/26** **Para 77/02/31:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-maġġoranza tar-resident ta' Triq l-Isqof Gargallo ma qablux li ssir *ruber hump* viċin ta' dog bin.

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**79/02/27** **Para 77/02/32:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-bank fuq blata fil-wied tal-Ferħa għadu ma sarx.

**79/02/28** **Para 77/02/33:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li *sleeping police* ta' Triq Għaxqet l-Għajn (mid-Duluri 'il ġewwa) trid tiġi approvata minn Transport Malta.

**79/02/29** **Para 77/03/01:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed tistenna risposta mill-Kunsill Lokali tan-Naxxar biex isiru *no-entry signs* mis-6:30am-9:00am *no access to Gharghur* fi Triq John Adye; Biex isiru *no-entry signs* mis-6:30am-9:00am hekk kif tohrog mill-barriera fi Triq John Adye u biex isiru *no-entry signs* mis-6:30am-9:00am Triq Birguma fil-bicca ta' fuq.

**79/02/30** **Para 77/05/08:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-armar b'dawl dekorattiv għall-Milied kien sabiħ ħafna.

**79/02/31** **Para 77/05/14:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li Transport Malta għadha ma approvatx il-*bollard* ta' ħdejn 125 Triq Caravaggio.

**79/02/32** **Para 77/05/19:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li d-*dog bin* ta' Triq D. Farrugia tneħħa.

**79/03** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**79/03/01** Is-Sindku qalet li waqt l-attività tal-Karnival li ser issir it-Tnejn 12 ta' Frar, fil-pjazza tal-Għargħur ser insegwu l-produzzjoni tal-Qarċilla u spettaklu mill-Big Friends Guggen Musik.

**79/04** **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**79/04/01** Ma kienx hemm.

**79/05** **Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet**

**79/05/01** Is-Sur Abraham Aquilina ressaq li jrid jinbidel il-ħabel ta' mal-arblu tal-monument tal-pjazza. Kien hemm qbil unanimu.

**79/05/02** Is-Sur Abraham Aquilina staqsa rigward minn fejn ser jiġu l-fondi għal kiri ta' tiżjin tal-Milied. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li mill-Kunsill Reġjonali Lvant u mill-Malta Tourism Authority.

**79/05/03** Is-Sur Abraham Aquilina ġibed l-attenzjoni rigward kumment fuq Triq Għaxqet l-Għajn minn *bollard* sa *bollard* fuq il-paġna ta' Facebook GHARGHUR – MALTA.

**79/05/04** Is-Sa. Marilena Hassan qalet li karozzi tal-linja (46 u 260) mhux qed iżommu l-ħin u dejjem mimlija. Kien hemm qbil unanimu li s-Segretarju Eżekuttiv tikteb lis-Sur Ivan Pierre Vella (TM).

**79/05/05** Is-Sur Christopher Fenech ressaq li tiġi mibdula t-tabella 'Tal-Ferħa Estate' fi Triq Santa Katerina. Kien hemm qbil unanimu.

**79/05/06** Is-Sur Christopher Fenech ressaq li niktbu lil Transport Malta biex terga' ssir il-*junction box* ta' ħdejn ir-*roundabout* tal-Golden Care. Kien hemm qbil unanimu.

**79/05/07** Is-Sur Christopher Fenech ressaq li ninfurmaw lil Water Services Corporation rigward tappiera sfrundata viċin ta' *traffic lights*, Triq il-Għargħur, Naxxar. Kien hemm qbil unanimu.

**79/05/08** Is-Sur Abraham Aquilina ressaq li ninfurmaw lil GO plc rigward tappiera viċin tal-Golden Care. Kien hemm qbil unanimu.

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**79/05/09** Is-Sur Christopher Fenech talab li l-ġardinar ineħħi l-pjanti mill-art ta' ħdejn il-ħanut tal-laħam fi Triq S. Zerafa. Kien hemm qbil unanimu.

**79/05/10** Fuq it-talba ta' resident sabiex Triq Dun Karm Vella min-nofsha l-isfel tiġi *one way*. Skont Transport Malta jew it-triq kollha tiġi *one way* jew xejn. Pero' faċilment tista' ssir *one way* għax hemm triq oħra ħdejha. Kien hemm qbil unanimu li Segretarju Eżekuttiv tibgħat ittra lir-residenti ta' din it-triq biex tara jekk jaqblux ma' dan is-suġġeriment.

**79/05/11** Fuq it-talba ta' residenta għal kaxxa tal-muturi minflok il-kaxxa bajda fi Vjal ir-Repubblika għax żgħira. Kien hemm qbil unanimu.

**79/05/12** Fuq it-talba ta' residenta għal *double yellow lines* quddiem il-garaxx tagħha fi Triq Karmnu Zarb. Kien hemm qbil unanimu.

**79/05/13** Fuq it-talba ta' residenta biex jeħel *dog bin* fi Triq Fra D. Mifsud. Il-Kunsill ma laqax din it-talba.

**79/05/14** Ġiet innutata ittra minn residenti ta' Triq iċ-Ċawl li ma jaqblux li ssir qasrija kbira biex il-vetturi ma jgħaddux minn ġo din it-triq.

**79/05/15** Fuq it-talba ta' residenta biex jerġa' jeħel id-*dog bin* tal-pjazza tad-dejma. Kien hemm qbil unanimu li ssir *site visit*.

**79/05/16** Fuq it-talba ta' resident biex isir charging pillar fi Triq il-Kbira jew Triq Caravaggio qrib ir-*roundabout*. Kien hemm qbil li ressqu s-suġġeriment lil Ministeru għall-ambjent u l-enerġija.

**79/06 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

**79/06/01** Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti pendenti / imħallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet ġiet ippubblikata l-Agenda. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-pagamenti kollha.

**79/07 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Performance Appraisal Reports**

**79/07/01** Ġie ippreżentat il-Performance Appraisal Report tas-SE u l-Kunsill unanimament approva dan irrapport u unanimament qabel ukoll li jirrakkomanda lid-DLG sabiex is-SE tingħata Performance bonus ta' 10%. Is-SE ser tieħu ħsieb tibgħat il-Performance Appraisal Report lid-DLG. Is-SE ppreparat il-Performance Appraisal Reports ta' Sinjorina Alexia Cuschieri Muscat u Sur George Debono. Hija rrikomandat li l-ħaddiema klerikali jingħataw Performance bonus ta' 6%. Il-Kunsill unanimament approva rrakkomandazzjoni tas-SE.

**79/08 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**79/08/01** Il-laqgħa spiċċat fis-6:15p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar il-Ġimgħa, 9 ta' Frar 2024 fil-5:30p.m.

*(firmati)*

**Helene Gauci**
**Sindku**

*(firmati)*

**Maria Tanti**
**Segretarju Eżekuttiv**